MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 105/2010

**A B bhala kuratrici ‘ad litem’ ta’ binha minuri V K nominata b’digriet tat-30 ta’ Marzu 2010**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku, C D u Dr Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Joanna Dingli li b’digriet tal-31 ta’ Jannar 2011 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jidhru ghal L K li ma hux maghruf jekk ghadux Malta**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi hija zzewget lil L K f’April 1992 izda damu flimkien biss ftit aktar minn gimgha meta zewgha qabad u telaq u ma semghatx aktar b’ahbaru ;

Illi zmien wara l-esponenti bdiet relazzjoni ma C D, intimand, li mieghu kellha tifel V : Dok B ;

Illi billi l-esponenti hija mizzewga lil L K, it-tifel qed igib kunjom zewg ommu anki jekk dan mhux il-missier izda huwa iben C D kif jidher mic-certifikat tat-13 ta’Ottubru 2006 mahrug mill-ispizjara Marisa Cassar (DNA Paternity Test Report) : Dok C ;

Illi huwa fl-interess tal-minuri V li jibda jgib kunjom il-missier naturali, C D, u dan kif jidher mir-rapport tal-kunsilliera tal-iskola Mary Rose Baldacchino tal-21 ta’ Jannar 2010 : Dok D ;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. tiddikjara li L K mhux il-missier tal-minuri V K;
2. tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri V K huwa C D;
3. tordna tiswija fl-att tat-twelid tal-minuri msemmi V K – 1492/2000 – billi minflok il-konnotati ta’ L K – kull fejn jirrikorru – jidhlu dawk ta’ C D minbarra kull taghrif iehor talvolta mehtieg mill-intimand l-iehor, id-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha eccepixxa:

1. Illi għalkemm b’effett mill-14 ta’ Jannar 2011, azzjoni għal dikjarazzjoni ta’ paternità ta’ tarbija mwielda fi żwieġ tista tiġi eżerċitata mill-omm *ai termni* tal-**artikolu 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**, din l-azzjoni, *stante* l-fatt li għaddew ikar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri V K, kellha tkun preċeduta minn rikors quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) *ai termini* tal-**artikolu 77Ċ tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semgħet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri V, tinkiseb l-

awtorizzazzjoni mill-istess Qorti għal-proċediment tal-azzjoni odjerna.

2. Illli preliminarjament, fuq il-mertu b’mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri Alicia Pancar, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla ħsara għal premess, biex tirnexxi din l-azzjoni r-rikorrenti f’isimha proprju trid tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal- minuri V K, kienet wettqet adulterju ma’ l-intimand C D u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jistà wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi li jindikaw lill-C D bħala l-missier naturali tal-imsemmi minuri V K, u dan *ai termini* tal-**artikoli 77B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**.

4. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għal premess, ir-rikorrenti trid fl-istess waqt tegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** billi adegwatament u konvinċentement turi li l-pussess ta’ stat tal-minuri V K ma jaqbilx mal-att tat-twelid tiegħu bin-numru ta’ reġistrazzjoni 1492 tas-sena 2000;

5. Illi subordinatament dejjem bla ħsara għal dak fuq imsemmi, f’każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti huwa importanti li l-kelmiet ‘*the said*’ li jinsabu qabel isem L K, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Att tat-Twelid bin-numru tar-reġistrazzjoni 1492 tas-sena 2000;

6. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir ta’ l-esponent u għalhekk huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha eccepew:

1. Illi huma, fil-kwalita taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil L K m'humiex presentament edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;
2. Illi in vista tas-suespost, huma jirrimettu ruhhom ghall-gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici ghal tibdil fic-certifikat tal-minuri V K[1] stante li hija tikkontendi li ghalkemm l-imsemmi minuri twieled fiz-zwieg u konsegwentement, l-imsemmi minuri gie imnizzel bhala l-wild naturali tal-intimat zewgha assenti L Khlifa, fil-fatt, l-istess minuri huwa l-wild naturali tal-intimat l-iehor C D u ghalhekk l-attrici talbet lill-Qorti sabiex tordna l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tal-minuri sabiex dan jigi mibdul fis-sens li fil-kolonna relattiva tal-missier tal-imsemmija tarbija jigu mnizzla l-konnotati kollha tal-intimat C D minflok dawk tal-intimat C D.

[1] Esebit a fol 9 tal-process

**Il-Verzjoni Attrici**

Illi permezz tal-affidavit taghha, l-attrici tghid li hija zzewget lil L K nhar l-4 ta’ Mejju 1994. Dan iz-zwieg tfarrak wara biss hdax-il xahar tant li tghid li f’April 1995, zewgha telaq u baqghet tghix wahedha. Fil-frattemp, bdiet relazzjoni mal-intimat C D u frott ta’ din ir-relazzjoni twieled il-minuri V. Minhabba l-presunzjoni legali, l-imsemmi minuri gie mnizzel bhala l-wild naturali ta’ zewgha. Hija tghid li s-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha qatt ma saret ghaliex hu qatt ma tfacca biex jattwa l-process u taghlaq l-affidavit taghha billi tiddikjara li l-missier biologiku tal-istess minuri huwa l-intimat C D.

**Il-Mertu tal-Kaz**

Il-Qorti tirrileva li l-minuri V K twieled nhar l-20 ta’ Ottubru 1999 u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid tieghu esebit a fol 9 tal-process. *Stante* li l-attrici u l-intimat assenti L K m’humiex legalment separati, u *stante* l-presunzjoni li wild imwieled fiz-zwieg huwa l-wild naturali tal-konjugu, l-intimat assenti L K gie mnizzel bhala l-missier tal-imsemmija tarbija. Dan necessarjament ifisser li l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ma kellu ebda alternattiva hlief li jnizzel lil dan il-minuri bhala l-wild naturali tal-attrici u l-intimat imsemmi. Min-naha taghha, r-rikorrenti tghid li mhux possibbli li l-intimat huwa missier il-minuri *stante* li huma ghamlu biss ftit aktar minn gimgha flimkien wara z-zwieg, ghaliex wara, l-istess intimat qabad u telaq u qatt ma regghet semghet b’ahbaru.

L-intimat C D, ghalkemm debitament notifikat, ma prezenta ebda risposta guramentata u konsegwentement huwa kontumaci f’dawn il-proceduri.

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li tirrigwarda in-nuqqas da parti tal-attrici li tintavola l-kawza odjerna fiz-zmien prefiss mil-ligi u cioe’ fi zmien sitt xhur, u dan *ai termini* tal-Artikolu 77C tal-Kodici Civili ta’ Malta, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-attrici ressqet rikors datat id-29 ta’ Jannar 2013, fejn specifikament

talbet lill-Qorti l-awtorizazzjoni biex tkompli tigi vvantata l-kawza odjerna, liema talba giet milqugha permezz ta' digriet datat il-31 ta' Jannar 2013. Dan necessarjament ifisser li l-ewwel eccezzjoni hija naturalment survolata.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-eccezzjonijiet l-ohra imressqa mid-Direttur tar-Registru Pubbliku li kollha jduru fuq il-mertu tal-kaz odjern u cioe' jekk l-attrici rnexxilhiex taghti prova sal-livell rikjest mill-ligi li c-certifikat tal-minuri ma jirriflettix il-verita u konsegwentement, rnexxilhiex jew le tissorpassa u teghleb il-presunzjonijiet legali msemmija minnu stess.

Naturalment, tali prova tista' facilment u bl-aktar mod kategoriku tingieb permezz ta' DNA test li huwa meqjus bhala l-prova regina f'dawn it-tip ta' kawzi. Il-Qorti taghmel referenza ghad-DNA test esebit in atti[2] li juri bhala stat ta' fatt li l-missier naturali tal-minuri V Khalifs huwa proprju C D u mhux L K.

Il-Qorti tirrileva wkoll li fic-cirkustanzi, stante li huwa cert anke b'mod xjentifiku li l-intimat L K m'huwiex il-missier tal-imsemmija tarbija, huwa fl-ahjar interessi tal-istess minuri li ghall-anqas ic-certifikat tat-twelid tieghu ma jkunx jindika persuna li huwa missieru meta huwa evidenti li dan mhux missieru.

Illi in vista ta' dak suespost u in vista tad-*DNA test* li ma jhalli ebda ombra ta' dubju dwar il-paternita' tal-istess minuri, il-Qorti hija konvinta li jezistu dawk l-elementi necessarji sabiex jinghelbu l-presunzjonijiet legali tal-ligi sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid tal-minuri hekk kif mitlub.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tiddikjara li l-intimat L Khalif mhux il-missier naturali tal-minuri V K;

---

[2] Ara a fol 48 tal-process

(2) Tiddikjara li l-missier naturali tal-minuri V K huwa C D;

(3) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-minuri V K bin-numru 1492/2000 hekk kif mitlub u dan billi minflok il-konnotati ta' L K, kull fejn jirrikorru jidhlu dawk ta' C D.

(4) Tordna ukoll illi l-kliem "the said", li jinsabu qabel isem L K taht il-kolonna fir-ringila fejn hemm indikat it-taghrif dwar l-omm jigu kkancellati mill-Att tat-Twelid numru 1492 tas-sena 2000.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------